# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru: 2630

**Kaz Nru. 3144/13/AM**

James Buhagiar
Vs
Jani Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)**

**Illum il-Gimgha 22 ta' Novembru, 2019**

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent li permezz taghha qed jallega tkeccija ngusta minn mas-socjeta' nntimata.

Ra r-risposta tas-socjeta' ntimata li permezz taghha eccepiet li tali tkeccija kienet meritata stante li r-rikorrent kien approprja ghalih propjeta' mobbli appartenenti lill- klijenti tal-istess socjeta' waqt il-hinijiet tax-xoghol kif ukoll stante li r-rikorrent allega li tali mobbli kienu fil-pussess tal-istess dirigenti tas-socjeta' ntimata liema allegazzjonijiet ma kienux veritieri u li r-rikorrent ammetta li ghamel tali allegazzjonijiet u ghalhekk is-socjeta' ntimata ma kellha ebda ghazla ohra ghajr li tittermina l-impjieg tar-rikorrent.

Ra l-fatti tal-kaz kif esposti mir-rikorrent u cioe' li huwa kien impjegat b'kuntratt ta' xoghol indefinit mas-socjeta' ntimata bhala Head of Maintenance; li fil-11 ta' Gunju, 2013, ix-xoghol tieghu gie terminat mall-kumpanija ntimata; li permezz ta' ittra tal-11 ta' Gunju, 2013, l-kumpanija xlietu li kienu tnehhew xi "antique stone urns" minn proprjeta' ta' klijent tal-kumpanija ntimata li ma tnehhewx ghal safe keeping izda b'hazen da parti tar-rikorrent; li r-rikorrent ma nghatax l-opportunita' jiddefendi l-posizzjoni tieghu ; li huwa dejjem qeghda

dmiru tajjeb mall-kumpanija u li dan l-incident kien skuza biex ittemm l-impjieg tieghu.

Ra li fis-seduta tat-18 t'Ottubru, 2019, ir-rikorrenti ddikjara (fol 16 traskrizzjoni xhieda) li huwa qed jitlob kumpens ghal tkeccija ngusta izda mhux li jigi ri-integrat fuq il-post tax-xoghol.

Ra x-xhieda ta' Justin Zammit Tabona, Managing Director mas-socjeta' ntimata, li spjega li x-xohgol tal-kumpanija huwa li taghmel xoghol ta' turnkey. Kienu qed jahdmu ghal certu klijent Ronald Attard meta il-Gimgha u jew is-Sibt filghaxija cempillu dan il-klijent u saqsih fen qeghdin xi hwat. Attard qallu li huwa saqsa lill- Foreman certu Nicky Taliana u qallu li ma jaf b'xejn u anke Tony Vella haddiem iehor qallu li ma jaf b'xejn u li ahjar icempel lil James cioe' r-rikorrent. Meta cempillu huwa nfurmah li kien hadhom ix-Xara Lodge. Meta huwa personalment cempel lil James huwa qallu li kien hadhom id-dar. Il-klijent meta ltaqa' mieghu beda jipponta subajh lejh qisu li kien hu li ta struzzjonijiet lir-rikorrent biex inehhihom minn hemmhekk. Huwa baghat ghal James l-ufficcju tieghu fil-presenza ta' Michael Mifsud l-Operations Manager u James talbu jkellmu wahdu u qallu daqs kemm taghmel zbalji inti u jien dejjem ghinntek u x-xhud wiegbu iva izda kien gie f'posizzjoni li ma setghax jahfirlu.

Justin Zammit Tabona kompla jixhed in kontro-ezami (seduta 14.3.2014) li ammetta li kemm kien ilu jahdem mall-kumpanija r-rikorrent qatt ma kellu warning. Mistoqsi jghid li dawn ma kienux hwat izda qsari tal-gebel ix-xhud wiegeb li l-klijent qallu li hwat kienu. Huwa rega' kkonferma li r-rikorrent qallu li kien hadhom id-dar tieghu li tinsab lanqas erba' mitt metru mix-Xara Lodge u li biex ikun fair spjega li r-rikorrent qal lill-klijent li hadhom ix-Xara Lodge biex iwarrabhom ghax kienu ser jinkisru izda lilu personalment ir-rikorrent qatt ma semmielu x-Xara Lodge.

Ra x-xhieda tar-rikorrent (seduta 4.4.2014) li spjega li huwa kien impjegat bhala Maintenance Manger mas-socjeta' ntimata u kien jiehu hsieb iz-zewg lukandi li kellha bhala turnkey company, ix-Xara Palace u

Salina Wharf u wara anke Palazz De Piro u Xara Lodge. Paga kellu €29,000 plus karozza u mobiles fl-ammont ta' €5000 ohra. Huma kienu qed jaghmlu xoghol f'dar antika go Hal Balzan u li darba minnhom mar filghaxija ma kien hemm hadd u nnota zewg qsari li ma kienux hwat ghax hawt gieli trid tkun erba' min-nies u anke gieli b'lifter trid terfghu biex tghabbih fil-karozza, u ghabbihom fil-karozza Daewoo Matiz tieghu. Dawn kienu mormijin fl-iskip fil-genb ta' l-iskip. Huwa jghid li l-qsari kienu forma ta' warda qisha ta' fjura dik li jitpoggew fuq gastra tal-gebel. Huwa jikkonferma li s-Sibt filghaxija ghal xi d-disgha u kwart ta' filghaxija kien cempilli Nicky Talina li qallu li nqala' paroli fuq xi hwat. Huwa qallu li kienu zewgt iqsari u mhux hwat u lill-klijent Attard kien qallu li warrabhom. Huwa jammetti li kien baghat ghalih Justin Zammit Tabona u li kellmu fil-presenza ta' Michael Mifsud qisu bhala Project Manager. Zammit Tabona spjegali li dawn l-affarijiet huma inaccettabbli u li ghalkemm ir-rikorrent qallu li ghalih dawn pots kienu u mhux hwat Zammit Tabona qallu li ma kellux triq ohra ghajr it-tkeccija. Huwa qallu biex igib il-pulizija ghax indiema ma kellux izda dan ma sarx. Huwa jammetti li kellem lil Zammit Tabona ras ghal ras biex iffakru x'kien ghamel ghalih. Huwa jammetti li warnings qatt ma kellu u li dejjem hadem onestament ghall-kumpanija anke meta kellha problemi finanzjarji.

In kontro-ezami (seduta 4.7.2014) in kontro ezami xehed li huwa kien mar filghaxija biex jiccekja l-impjegati baqghux overtime jew le u li meta mar huma ma kienux hemm u ra dawn il-pots fi skip barra t-triq u hadhom. Mistoqsi kif lill-klijent Attard kien qallu li hadhom minhabba Justin Zammit Tabona r-rikorrent cahad dan.

Ra li dan il-kaz il-partijiet kienu ghalqu l-provi fis-seduta tal-24 t'Ottubru, 2014, u s-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presedut tal-25 t'April, 2015, liema sentenza giet appellata.

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) tas-26 ta' Jannar, 2018, per Imhallef Ellul li permezz taghha regghet baghtet l-atti lura quddiem dan it-Tribunal biex jiddeciedi l-kaz bil-mod kif spjegat l-istess Qorti cioe' li jikkunsidra l-kaz fil-meritu tieghu u mhux jibbaza d-

decizjoni tieghu biss fuq jekk gietx segwita l-procedura ta' dixxplina kontemplata fil-kuntratt tal-impjieg.

Sema' l-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha prodotti.

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrent kien impjegat ma' Jani Limited fil-kariga ta' Head of Maintenance. Il-kumpanija irceviet ilment minghand klijent taghha li kienu ttiehdu xi hwat tal-gebel mir-residenza tieghu fejn l-kumpanija kienet qieghda taghmel xogholijiet. L-impjieg tar-rikorrent gie terminat permezz ta' ittra tal-11 ta' Gunju 2013, fejn jinghad li s-socjeta' ntimata kienet gharfet lill-klijent li l-oggetti kien hadhom ir-rikorrent u poggihom f'The Xara Lodge. Ir-rikorrent jikkontendi li dawn kienu zewg pots tal-gebel li sab mormija fi skip li kien hemm fil-post fejn kien qed isir ix-xoghol. Justin Zammit Tabona xehed li r-rikorrent kien ammetta mieghu li kien ha l-oggetti minghajr permess u li kien hadhom hu.

Bhala xhieda l-partijiet ressqu biss lil Justin Zammit Tabona u lir-rikorrent u l-klijent Ronald Attard ma tressaqx bhal xhud.

Dan huwa kaz ghalhekk fejn dan it-Tribunal irid jiddeciedi jekk l-impjegat kellu 'a just and sufficient cause' li jkecci lir-rikorrent a bazi tal-Artikolu 2 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta bazat fuq zewg verzjoniiet konfliggenti kif moghtija mir-rikorrent u r-Rapprezenant tas-socjeta' ntimata Justin Zammit Tabona.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l- ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana**

**vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 t'April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004, fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-
istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mall-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issa ghal dak li jirrigwardja 'raguni tajba u sufficjent' li trid il-ligi, dan it-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghal dak ritenut mill-Qorti tal-kassazzjoni Taljana (24 ta' Gunju, 2000, numru 8631) "per stabilire in concreto l'esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carettere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fati addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all'intensita dell'elemento intenzionale dall'altro la proporzionalita fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lezione dell'elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivamente espulsiva.".

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti li ghamel dan it-Tribunal u tenut kont tal-fatt li ebda ritratt ma ntalab ta' dawn l-allegat hwat jew pots kif ukoll li lanqas il-klijent Ronald Attard ma ngab bhala xhud liema xhud kien indispensabli fil-fehma ta' dan it-Tribunal ghal dan il-kaz, li l-verzjonijiet taz-zewg partijiet hija wahda konfliggenti ghall-ahhar, ir-rikorrent jghid li dawn pots li sabhom barra hdejn skip u Justin Zammit Tabona jghid cioe' jikkwota dak li qallu l-klijent minghajr ma tella' prova li l-haddiema l-ohra li kienu fuq il-lant tax-xoghol dakinhar u lill-istess klijent Ronald Attard, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mall-verzjoni moghtija tas-socjeta' ntimata stante li din ma gietx sodisfacentment pruvata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jiddikjara li t-tkeccija tieghu minn l-impjieg mas-socjeta'

ntimata kienet wahda ngusta stante li ma kienx hemm ir-raguni tajba u sufficjenti li trid il-ligi.

Kwantu ghal kumpens ir-rikorrent gab il-prova li fis-sena 2013 ghal perjodu mil-1 ta' Jannar sal-10 ta' Gunju 2013, huwa kellu dhul ta' €13,132.91 (Dok JB03) parti bhala mpjegat u parti bhala self-employed. Bhala mpjegat is-salarju tieghu kien ta' €15681.24c gross kif jirrizulta wkoll mill-FS3 tieghu esebita mir-rikorrent li minnhom tnaqqsu €2016 taxxa u €1854.72c bolla u li ghalhekk il-qliegh nett tieghu kien ta' €11810.52c netti.

Filwaqt skond l-FS3 tieghu ghas-sena 2013 huwa kellu dhul ta' €27602.94c gross u netti kellu dhul ta' €20.594.84c, dan it-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' dan kollu u tal-artikolu 82(2) u tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imhallef Ellul fosthom Borg Carmel vs Malta Public Transport Services (Operations) Ltd deciza 8 ta' Marzu, 2019, u Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Print Limited deciza minn l-istess fit-23 t'April, 2018, jiddeciedi li mehuda in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi kollha dan it-Tribunal qed jillikwida s-somma ta' €13,729 ekwivalenti ghal tmien xhur paga in vista li huwa dam tmien xhur ma sab xoghol. Bl-imghax mil-lum sad-data tal-effettiv pagamenti.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dott. Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**